MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 719/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**
**VS**
**CHRISTOPHER GALDES**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Galdes ta' 41 sena, iben missier mhux maghruf u Dolores Galdes, imwieled tal-Pieta' fil-5 ta' April, 1964, residenti fl-indirizz numru 52, Triq Santa Margerita, Bormla u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 182164(M);

Illi huwa akkuzat talli:

1. F'Two Gate Street, Triq is-Sirena, fil-Ponta ta' l-Isla u fi bnadi ohra fl-Isla, nhar il-Hadd 14 ta' Awwissu, 2005 ghall-habta ta' xi s-saghtejn u kwart ta' fil-ghodu, kif ukoll

il-Hadd 10 ta' Lulju, 2005 ghall-habta ta' xi s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Rhys Fiteni mill-Isla f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu billi xejjer diversi daqqiet ta' strument li jaqta' jew iniggez (sikkina), fid-direzzjoni tieghu, liema offizi jistghu jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew igibu difetti permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem u dan skond ma ccertifikaw Dr. Stephen Muscat M.D. u Mr. Alex Sultana M.D., ta' l-Isptar San Luqa;

3. Hebb u anke gidem lill-imsemmi Rhys Fiteni fil-waqt li kien fis-Senglea Regatta Club u kkawzalu griehi ohra ta' natura hafifa, skond ma ccertifikat Dr. Susan Mallia M.D., tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

4. Zamm u garr fuqu strument li jaqta' jew iniggez (sikkina), minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Saq il-vettura ta' l-ghamla Kia ta' lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni BBP-412 b'manjiera perikoluza;

6. Saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u bla kien jaf ukoll b'giri aktar milli jmissu;

7. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b'mod iehor;

8. Ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;

**U aktar talli fl-Isla wkoll, fix-xahar t'April 2005 f'xi hin tal-gurnata:**

9. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' ferita gravi fuq Rhys Fiteni u Clayton Ghirxi, it-tnejn mill-Isla, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt meta saq il-vettura ta' l-ghamla Kia Pride, ta' lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni BBP 412 fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

10. Minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija, kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar (pistola), kif ukoll munizzjon (magazin);

11. Meta gie fil-pussess ta' l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, xort'ohra milli b'licenza, ma tahax avviz immedjat taghhom lill-Kummisarju tal-Pulizija;

12. Hedded lil Rhys Fiteni kif ukoll lil Clayton Ghirxi, mill-Isla wkoll bl-imsemmija arma tan-nar;
13. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
14. Saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'giri aktar milli jmissu;
15. Saq l-istess vettura, jew kellu l-kontroll tal-vettura ta' l-ghamla Kia Pride bin-numru BBP 412, jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsqu minhabba xorb jew drogi;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lil Christopher Galdes mil-licenzji tas-sewqan kollha tieghu, jew milli jottjeni licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, minn mindu hekk jinstab hati;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Rhys Fiteni u l-familjari tieghu, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Christopher Galdes b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.177A) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 22 ta' Ottubru, 2007 (a fol.182) fejn l-imputat ma ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ikkonsidrat:

L-Ispettur Anthony Cassar (a fol.23) ezebixxa l-istqarrija ta' l-imputat Dok.AC (a fol.25). f'din l-istqarrija l-imputat

jikkonferma illi kien *bar-man* tal-Club tar-Regatta u kien jimpjega Rhys Fiteni ta' dsatax (19)-il sena. Illi dan ma baqax jahdem mieghu il-ghaliex kien traskurat. L-imputat ikkonferma li huwa kellu l-karozzi msemmijin (a fol.25). Innega illi kien fis-sakra u kkonferma illi huwa kien ghadda minn quddiem ir-residenza ta' Keith Bartolo u Charmaine Farrugia, cioe minn Two Gate Street ghal darbtejn u li ma ra lil hadd. Illi ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu, waqt illi kien niezel bil-mod, nizla naqra wieqfa, Rhys Fiteni fetah il-bieba tal-karozza ta' l-imputat u stidnu ghal glied, dan (Ryhs) kien mat-tfajla tieghu u l-imputat qallu biex ma jaqlax inkwiet meta jkun mat-tfajla tieghu u l-imputat telaq 'l hemm. L-imputat jinnega illi huwa qabad xi sikkina u agredixxa lil Rhys Fiteni biha. Jinnega illi huwa saq fid-direzzjoni ta' Rhys u tal-habiba tieghu u li sahansitra mhux vera li tela fuq il-bankina ghalihom. Lanqas ma kien veru illi huwa hareg xi pistola ghalihom, kif ma kienx veru illi wara ftit huwa kien qal lil Fiteni biex jinsa kollox u ma jaghmilx rapport.

PC 1607 George Vella kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta u b'mod preciz mix-xhieda ta' l-Ispettur Anthony Cassar (a fol.32) jirrizulta illi, l-*Casualty Unit* ta' l-Isptar San Luqa, kien informa lil Pulizija li Rhys Fiteni kien gie ammess l-Isptar u li kien gie midrub permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta waqt li hu kien f'Two Gate, l-Isla. Il-Pulizija marret tkellem lil midrub li nfurmahom li huwa kien ma' Keith Bartolo u Charmaine Farrugia fi Triq Sant Ursula, l-Isla, fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu, fl-14 ta' Awwissu 2005. Waqt li kienu hemm, kienet ghaddiet minn quddiemhom Kia Pride, misjuqa mill-imputat, ghal sitt (6) darbiet, fejn l-imputat kien jieqaf jiccassa lejh u mbaghad jibqa jsuq.

Rhys Fiteni kien informa lil Pulizija li hu kien jahdem ma' l-imputat bhala *substitute* fir-Regatta Club ghal sieghat twal u li kien xeba jahdem minn hemmhekk u kien telaq u li l-imputat Galdes kien irrabjat minhabba f'hekk. Illi f'hin minnhom Rhys Fiteni sostna illi l-imputat ghajjatlu, Rhys avvicina l-karozza ta' l-imputat u pogga idejh fuq il-hogor tat-tieqa tas-sewwieq, illi l-imputat qabad strument li jaqta'

u bil-ponta u tah daqqtejn b'dan l-istrument fuq dirghajh. Fiteni stqarr lil Pulizija illi huwa beda jghajjat bl-ugiegh u talab lil shabu jihduh l-Isptar, waqt li l-imputat kelmu bi kliem oxxen u harab bil-karozza tieghu bi *speed* eccessiv. Fiteni stqarr illi mar l-Isptar u gie mdewwi minn Dr. Stephen Muscat u Mr. Alex Sultana, li rrilaxxaw certifikati ta' feriti ta' natura hafifa, salv komplikazzjonijiet. Fiteni stqarr li xahar qabel dan l-incident huwa kellu incident iehor ma' Galdes u kellu xi jghid mal-president tar-Regatta Club u intervjena Galdes illi hebb ghalih u gidmu f'sidru. Il-griehi gew certifikati minn Dr. Susan Mallia u kklassifikati bhala hfief. Fiteni rraporta wkoll li fil-31 ta' Marzu ta' l-istess sena, waqt li huwa kien qieghed ma' Clayton Ghirxi, l-imputat Galdes kien saq ghal fuqu bil-karozza tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BBP 412 u li fil-fatt kien ikkaguna diversi hsarat fuq il-karozza tieghu stess. Rhys Fiteni stqarr illi ma kienx ghamel rapport lil Pulizija il-ghaliex l-imputat kien talbu mahfra.

Spettur Cassar xehed (a fol.35) illi Keith Bartolo u Charmaine Farrugia kkolaboraw il-verzjoni ta' Rhys Fiteni. Spettur Cassar xehed (a fol.36) illi l-imputat kien innega kull allegazzjoni illi saret fil-konfront tieghu minn Fiteni, kemm ghal dak li jirrigwarda l-incidenti tal-14 ta' Awwissu 2005, kif ukoll ghal dawk ta' l-10 ta' Lulju, 2005 u ta' Marzu u April 2005.

Rhys Fiteni (a fol.40) xehed illi fl-14 ta' Awwissu 2005, waqt illi kien qieghed ma' Keith Bartolo u Charmaine Farrugia huwa nnota illi l-imputat kien ghadda bil-karozza tieghu diversi drabi minn quddiemhom. Illi huwa u shabu bdew mixjin waqt illi kienu fit-Triq Iz-Zewg Mini, l-imputat waqqaf il-karozza tieghu, ghajjatlu u meta hu (Fiteni) mar jara xi jrid u qed idejh mat-tieqa tal-karozza, l-imputat offendih u tah zewg (2) daqqiet ta' sikkina fuq idejh ix-xellugija. Minn hemmhekk l-imputat saq minn fuq il-post, "*Gas down*" (ara xhieda a fol.41). Fiteni xehed illi x-xafra kienet twila xi tlett (3) pulzieri u wiesa xi zewg pulzieri. Ta' dan l-incident huwa kien mar u ghamel certifikat mediku. Fiteni xehed illi huwa ma riedx jaghmel rapport ghall-ewwel. Fiteni xehed ukoll illi qabel dan l-incident, waqt illi hu (Fiteni) kien qieghed ma siehbu Ghirxi, l-imputat kien

gidmu f'sidru. Apparti minn dan, xi hmistax wara r-Regatta ta' Marzu 2005, Christopher Galdes kien saq ghal fuqu bil-karozza u hareg b'*revolver* ghalih izda Fiten, *"Hadt girja go fih u hadtulu, bdejna niggieldu"* (ara xhieda a fol.45), imbuttalu l-*magazine* ta' l-arma u rnexxielu jiskappa. Fiteni jghid illi huwa kien xurban u ghal darb'ohra ddecieda li ma jirrapurtahx.

Charmaine Farrugia (a fol.48) ikkonfermat illi fil-lejl tal-14 ta' Awwissu 2005, hija kienet ma' Fiteni u nnutat lill-imputat jghaddi bil-karozza, jieqaf u jhares. Illi huma mxew minn fejn kienu u li meta rega ghadda l-imputat, dana ghajjat lil Rhys, li mar hdejn il-karozza fuq in-naha tax-xufier. Farrugia xehedet li rat xi haga tleqq u mbaghad Rhys beda jghajjat bl-ugiegh u minn hemmhekk wasluh l-Isptar.

Keith Bartolo (a fol.52) ikkonferma x-xhieda ta' Rhys Fiteni u ta' Charmaine Farrugia.

Dr. Stephen Muscat (a fol.69) ikkonferma c-certifikat ezebit a fol.38 u kklassifika l-griehi bhala *slight save complication* u ma rax lil pazjent Fiteni wara dik il-gurnata.

Dr. Susan Mallia (a fol.71) kkonfermat ic-certifikat (a fol.39) u kklassifikat il-griehi bhala ta' natura hafifa.

PS 1577 Silvio Magro kkonferma illi Rhys Fiteni ddahhal l-Isptar, flimkien ma' Charmaine Farrugia u Keith Bartolo u li gie mdewwi ghal griehi permezz ta' strument illi jaqta' u bil-ponta. L-okkorrenza giet ezebita bhala Dok.PS (a fol.81).

PS 1428 Jesmond Delia (a fol.103) ikkonferma t-tfittxija fil-karozza bin-numru tar-registrazzjoni BBF 957 Toyota Tercell u f'karozza Kia Pride ta' l-imputat u li mill-*glove compartment* tal-Kia Pride huwa eleva *pocket* ta' sikkina li tintuza mill-bughaddasa. Dan il-*pocket* gie ezebit bhala l-ezebit PS (a fol.106).

PC 453 Brian Cassar ikkonferma sett ta’ tmien (8) ritratti, Dok.PC 1 sa Dok.PS8 illi ha mill-karozza Kia Pride bin-numru tar-registrazzjoni BBP 412.

PC 94 Jack Farrugia, fuq istruzzjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur, ha *swabs* tal-vettura Kia Pride li gew ezebiti bhala Dok.JF (a fol.112).

Rhys Fiteni (a fol.123) ghazel li jahfer l-imputat u ma kien qed jippretendi xejn iktar minghandu u li kien lest illi jaghti kampjun tad-demm tieghu ghal komparazzjoni (a fol.128).

Clayton Ghirxi (a fol.131) ikkonferma illi huwa jaf kemm lil Rhys Fiteni kif ukoll lill-imputat Galdes. Ikkonferma illi vicin tar-Regatta ta’ Marzu, kellhom ikla u kemm Fiteni kif ukoll Galdes kienu fis-sakra u hu wassal lit-tnejn id-dar, permezz tal-karozza tieghu. Huwa xehed illi fil-karozza dawn kienu lletikaw ftit bil-paroli. Illi f’dan l-incident ma wegga hadd, ma ntuzat ebda arma, ma ra ebda munizzjon u ma gara propju xejn.

WPC 123 Janette Chicala (a fol.139) ikkonfermat illi l-imputat ma kellux licenzja biex igorr jew jipposjedi arma.

Christopher Darmanin (a fol.140) ikkonferma li l-karozza BBP 412, kienet propjeta’ ta’ l-imputat li kellu licenzja tas-sewqan.

A fol.145, Spettur Anthony Cassar ezebixxa l-att ta’ twelid u l-fedina penali ta’ l-imputat, Dok.AX1 u Dok.AX2 rispettivament.

A fol.171, gie ezebit affidavit ta’ Dr. Alec Sultana li kkonferma illi l-griehi li sofra Rhys Fiteni ID 148986(M) fl-14 ta’ Awwissu 2005, kienu griehi ta’ natura hafifa u ferita superficjali f’dirajh, ftit ‘l isfel mill-ispalla. A fol.172, ikkonferma illi l-lacerazzjoni kienet bejn tnejn (2) u tlett (3) centimetri u li ma kienx hemm evidenza hsara lit-*tendon* jew nervituri. Illi Rhys Fiteni kien gie *discharged* fis-16 ta’ Awwissu u li meta rega’ rah fit-26 ta’ Awwissu fl-‘O*ut Patients Section’*, il-griehi kienu fiequ minghajr

komplikazzjonijiet. Dana kollu rega gie sottomess fix-xhieda viva voce ta' Dr. Sultana (a fol.186 et. seq.)

L-imputat Christopher Galdes (a fol.190) ikkonferma illi huwa kien membru fil-kumitat tar-Regatta Club u li Rhys Fiteni kien jahdem fil-*bar* mieghu ghal xi tlett (3) snin. Ghal rigward ta' l-incident allegat tal-"gidma", l-imputat jghid illi Fiteni kien gie fis-sakra, tard bil-lejl, meta l-imputat kien qed jaghlaq il-hanut, u Fiteni beda jinsisti illi l-imputat jaghtih *drink*. Huwa kien qieghed jithadded mal-membri tal-kumitat fuq gewwa u l-president tal-kumitat qallu biex jatih *drink*. Illi, f'daqqa wahda, Fiteni beda jghajjar lil president u joffendih anka bil-mara tieghu u l-membri ohra tal-kumitat kienu qabdu lil Fiteni u harguh 'il barra. Fil-fatt, Chris Bartolo kien ha lil Rhys Fiteni d-dar permezz tal-karozza ta' l-imputat, li kienet dak iz-zmien mislufa lil Bartolo. L-imputat irrifjuta illi Bartolo jwassal lil Rhys Fiteni fil-karozza tieghu u fil-fatt ha lura c-cwievet ta' din il-karozza u kien Fiteni illi hebb ghalih u mhux vice versa. Fil-fatt huwa ezebixxa certifikat mediku Dok.CG (a fol.210). A fol.193, l-imputat xehed illi ftit wara dan l-incident, **kien gie Fiteni jghanqu u jbusu u jitolbu mahfra, waqt illi Keith Bartolo qallu, "Gejt imgieghel u sfurzat."** A fol.194, l-imputat jinnega bl-aktar mod vociferu illi hu saq ghal fuq Fiteni jew li hareg xi arma ghalih u fil-fatt dan gie kompletament innegat minn Clayton Ghirxi. Ghal rigward ta' l-incident ta' l-14 ta' Awwissu, 2005, l-imputat jghid illi huwa kien niezel fi Triq Ursula meta Fiteni qabad jghajjat, beda jigri wara l-karozza u allura l-imputat waqaf, fetah il-bieba tal-karozza u Fiteni hebb ghalih. Illi l-imputat tefa lil Fiteni 'l barra mill-karozza tieghu u telaq. Jinnega illi tah b'xi arma jew b'sikkina. L-imputat jghid illi Fiteni kien dipendenti fuq id-droga u jinfliggi griehi fuqu nniffsu (ara a fol.197) u fil-fatt, gie mkecci mir-Regatta Club addirittura. L-imputat xehed illi minhabba illi huwa kien inkarigat mill-*bar* tar-Regatta Club, huwa kien ukoll tenut illi jzomm l-ordni f'dan il-*bar* tal-*club*. L-imputat Christopher Galdes jghid illi Rhys Fiteni kien spicca mkecci minn *substitute* tal-*bar* il-ghaliex inqabad jiehu l-flus mill-*cash register*. L-imputat Galdes jinnega illi qatt kellu xi arma fil-karozza jew xi sikkina.

Nazzareno Mifsud (a fol.214), il-president tar-Regatta Club, ikkonferma illi kien jaf kemm lill-imputat, li kien inkarigat mil-*bar*, kif ukoll lil kwerelant u kkonferma x-xhieda ta' l-imputat ghal rigward tal-kjass illi kien ghamel Rhys Fiteni fir-Regatta Club.

Raymond Catania kkonferma x-xhieda ta' Nazzareno Mifsud u ta' l-imputat Christopher Galdes.

Chris Bartolo (a fol.230) ikkonferma li ra lil Keith Bartolo jghannaq lill-imputat Galdes u kkonferma li sema lil Keith Bartolo jghid id-diskors fis-sens li talbu skuza u li kien mgieghel jghid certu diskors. Ikkonferma wkoll illi Rhys Fiteni kien gie mkecci mir-Regatta Club.

Keith Bartolo (a fol.234) jinnega illi huwa kien talab skuza lill-imputat u li qallu li kien imgieghel jghid dak id-diskors.

Fil-konfront bejn Chris Bartolo u Keith Bartolo, iz-zewg xhieda baqghu jzommu ferm mal-pozizzjoni taghhom.

A fol.239, Keith Bartolo kkonferma li kellu ohtu Charmaine li kienet tohrog ma' Rhys Fiteni.

A fol.242, Keith Bartolo xehed illi huwa ma kienx ra l-glieda (il-glieda dwar l-incident tal-"gidma"). A fol.244, Keith Bartolo ma setghax jaghti deskrizzjoni tas-sikkina, izda ra xi haga tleqq, (ara xhieda a fol.245) u ra lil Rhys Fiteni gej lura mimli demm, waqt li l-imputat Galdes saq.

Ikkunsidrat:

Illi mill-kumpless tal-provi migjuba quddiem din il-Qorti huwa evidenti illi l-incidenti illi allegatament graw f'April u Lulju 2005 ma rrizultaw b'ebda mod mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. In fatti x-xhieda ta' Fiteni giet kontradetta (kif jidher mis-siltiet tax-xhieda fuq indikata) minn diversi xhieda prodotta mill-Partijiet. Dak li rrizulta huwa illi, fil-lejl ta' l-14 ta' Awwissu 2005, l-imputat Galdes fil-fatt agredixxa lil Rhys Fiteni u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifikat Dr.Alec Sultana u dana

permezz ta’ strument illi jaqta’ u bil-ponta. **Rhys Fiteni, fit-tieni xhieda tieghu hafer lill-imputat b’mod illi ma kien qed jipretendi xejn minghandu.** Dana jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta’ Fiteni izda wkoll kollaborat minn Charmaine Farrugia u minn Keith Bartolo illi baqa jishaq sa l-ahhar minkejja d-diversi testimonjanzi tieghu u konfront bejnu u bejn Chris Bartolo.

L-imputat jinsab mixli b’attentat ta’ feriti ta’ natura gravi fuq il-kwerelant. Ghal dan il-ghan il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova l-intenzjoni specifika da parti ta’ l-imputat sabiex jinfliggi feriti ta’ natura serja. Skond il-gurisprudenza nostrali, sabiex tissussisti attentat ta’ ferita gravi, l-Prosekuzjoni trid tipprova l-intenzjoni specifika li tikkaguna offiza ta’ natura gravi u mhux bizzejjed intenzjoni generika li wiehed iwegga lil dak li jkun.**(ara Pulizija – Spettur Mario Tonna vs. Francis Cuschieri deciza fil-hmistax (15) ta’ Jannar elfejn u disgha (2009) per Imhallef Galea Debono, Appell Kriminali a fol 10 u 11; ara wkoll Pulizija – Spettur Therese Sciberras vs. Alfio Attard, Appell Kriminali deciza fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju elfejn u tmienja (2008) a fol 6.)**

Infatti fis-**sentenza “Il-Pulizija – Spettur Carlo Ellul vs. Saviour Xerri**, l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-Sentenza taghha deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010) per Imhallef Galea Debono irreteniet is-segwenti:

**“*Kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta’ natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta’ natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta’ offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta’ natura gravi. Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiva ta’ offiza gravi fuq il-persuna.*Ḥ**

***Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f'dan il-kaz il-ferita kienet fil-parti inferjuri, pero' huwa risaput li anki f' dik il- parti jkun hemm blood vessels bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilmet iwasslu ghal konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' wkoll tigi dezunta minn natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik kagjonata minn min ikun qed ixejjer b'mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru "stab wound" kif irrizulta f'dan il-kaz."***

Mix-xhieda kollha ta' dan il-process, mir-rizultanzi u t-testimonjanza medika jirrizulta b'mod, anke ampju, illi l-feriti kienu ndirizzati ghal *forearm* tal-kwerelant Fiteni, ma kienx hemm '*exit wound'* u ma jirrizultax dannu ghal *tendons* jew nervituri ta' l-istess drieghi tal-kwerelant. Din il-Qorti ma gietx rinfacciata b'xi feriti fuq in-naha ta' gewwa tal-polz jew b'xi feriti fuq is-sider jew fuq l-ghonq tal-kwerelant. Illi ghaldaqstant, il-Qorti ma tarax illi l-Prosekuzzjoni pprovat l-intenzjoni specifika rikjesta skond il-Ligi da parti ta' l-imputat u dana mhux ghal xi tort imputabbli ghal Prosekuzzjoni. Ghal kuntrarju, kif wiehed jista' jara fin-nota ta' osservazzjonijiet ben akkurata tal-Prosekuzzjoni, l-istess Prosekuzzjoni ghamlet hilitha u din il-Qorti temmen li din l-akkuza ma gietx provata il-ghaliex l-intenzjoni specifika qatt ma ezistiet. Dak li jirrizulta huwa biss griehi ta' natura hafifa permezz ta' istrument li jaqta u bil-ponta.

Jirrizulta pprovat skond il-Ligi, li l-imputat ma kellux Licenza tal-Pulizija biex igorr sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Christopher Galdes**, hati tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza, mhux hati ta’ l-akkuzi l-ohra kif dedotti kontra tieghu li minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikoli 221(1)(2) u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 2, 3 u 19 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena.**

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, il-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt illi l-kwerelant ghazel illi jahfer lill-imputat minghajr kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------